# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 88

17 ta' Settembru, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.36 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 88**

88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 86 – 8 u Nru. 87 – 8 (Laqgħa b'urġenza);
88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
88.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
88.5 Attivita' – Lejla Raħlija;
88.6 Jum Dinji tat-tfal;
88.7 Mużika Fest;
88.8 Milied 2018;
88.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
88.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2018;
88.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

88.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

## 88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

88.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċidenti Nru. 86 – 8 u Nru. 87 – 8 (Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

88.3.1 Is-Sindku qal li bħal lum ġimgħa mill-24 sad-29 ta' Settembru 2018, delegazzjoni komposta mill-membri kollha tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma persuni minn entitatjiet differenti mill-lokal se jżuru Montefiascone l-Italja fuq stedina mis-Sindku ta' din il-belt Massimo Paolini fejn il-Kunsill ser jiffirma it-tieni parti tal-patt tal-ġemellaġġ uffiċjali ma din il-belt, dan għandu jsir nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru 2018 f'Montefiascone skond il-programm li ntbgħat apposta mill-Comune. Waqt din iż-żjara l-Kunsill se jgħati l-bandiera uffiċjali bl-arma tal-Kunsill, arma ta' Montefiascone maħduma fl-injam u kotba dwar il-gżira Għawdxija u Ta' Sannat. Is-Sindku qara u spjega l-programm bl-avvenimenti li se jsiru waqt din i-żjara. Hu qal li għal din iż-żjara tagħna kmieni din is-sena, l-Comune di Montefiascone kien ibbenefika minn fondi ewropej taħt Europe for Citizens bħal ma kien sar mill-Kunsill meta kien ġie ffirmat l-ewwel parti tal-patt tal-ġemellaġġ f'Ottubru 2016 meta delegazzjoni minn Montefiascone kienu żaru Ta' Sannat. It-tema tal-applikazzjoni tagħhom li huma bbenefikaw minnha kienet fuq l-imigranti, għalhekk is-Sindku qal li wieħed għandu jkun ppreparat għad-diskussjonijiet u l-laqgħat li għandna preparati u li se nattendu. Is-Sindku qal li l-lejla ser issir laqgħa apposta għad-delegati kollha biex kulħadd ikun infurmat bil-programm ta din il-ġimgħa.

88.3.2 **Fis-1.58 p.m. il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għal-laqgħa.**

88.3.3 Is-Sindku qal li dwar it-transport bi ħlas għat-tfal wara l-ħin tal-iskola li kien ppreparat u li kien se jiġi organizzat mill-Kunsill mhux ser isir peress li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni minn din is-sena se jorganizza hu dan is-servizz b'xejn. Għalhekk dawk l-persuni li kienu nteressati f'dan ġew infurmati biex jirregistraw fis-sistema onlajn mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni għal dan is-servizz.

88.3.4 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet fi Triq Bardan b'fondi ewropej miksuba minn Miżura 4.3, il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. lesta x-xogħolijiet rikjesti. Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja u Sajd, l-Onor Clint Camilleri ġie fuq il-post fejn saret press conference dwar dawn il-fondi

miksuba madwar Malta u Għawdex. Il-wiċċ ġdid bit-tarmak u t-tlestija ta' din it-triq sar dakinhar stess il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2018. Ir-residenti u l-bdiewa qalu li wara ħafna snin ta' stennija issa jinsabu kuntenti ferm b'din it-triq. Il-Kunsill qal li hu ferm sodisfat b'dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab għal estensjoni ta' xahar ieħor biex jilħaq jingħata l-kont biex il-kuntrattur ikun jista jitħallas.

88.3.5 Is-Sindku qal li l-Kuntrattur Road Construction Ltd. iffirma l-kuntratt u applika ma' Transport Malta biex wara li jikseb il-permessi mitluba jkunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet tal-offerta SNTLC 04/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching fi Triq Saguna with hot rolled asphalt, xogħolijiet b'finanzjament li kien diġa miksub mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Perit għandu jgħaddi l-livelli ta' Triq l-20 ta' Lulju biex b'hekk jibdew ix-xogħolijiet.

88.3.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lill-Perit biex japplika għal DNO mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jsir tisbieħ fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri u Sqaq Dun Nastas. Dan sabiex ukoll fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri jkun jista jitwettaq il-proġett u jkunu jistgħu jitħawlu is-siġar u l-arbuxxelli b'fondi miksuba minn Urban Green Project tal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Żvilupp Sostenibli .

88.3.7 Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin il-Kumpanija GreenPak se tinstalla CCTV cameras fejn il-bring in site fi Triq Ta' Bebunaq u Triq Durell. Dan biex jinqata l-abbuż minn individwi rresponsabli li jarmu barra l-kontenituri. Id-dawl se jingħata mingħand ir-residenti li offrewh huma stess.

## 88.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

88.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu talab l-għajnuna tal-Perit u tal-Avukat biex jaraw ir-rapport dwar id-demmiela fil-limiti ta' Żgħawri il-Munxar biex jekk hemm xi submissions xi nżidu dan isir sa mhux aktar tard mit-28 ta' Settembru 2018 mall-Awtorita' tal-Ippjanar.

88.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li għada it-Tlieta 18 ta' Settembru 2018 ser issir il-Laqgħa Nru 75 tar-Reġjun Għawdex fis-7.15 p.m. u li l-laqgħa tal Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser issir nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru 2018.

88.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jekk hu possibli l-Kunsill ikun jista japplika għal impjegat addizjonali full time fl-uffiċċju. Hu nforma lill-Kunsill li mpjegat mill-Community Workers Scheme Enterprise Foundation li kien qed iwettaq xogħol ta' front office fl-uffiċċju minn nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru 2018 ġie trasferit f'post ieħor u għalhekk in-nuqqas ta' dan fl-uffiċċju se jinħass aktar. Għalhekk huwa mportanti li jiġi ngaġġat impjegat skrivan/a ieħor mill-aktar fis possibli. Il-Kunsill qabel ma dan.

88.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġiet estiża għal disgħin jum ieħor b'effett mis-16 ta' Awwissu 2018.

88.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-fond mid-Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar sa l-aħħar ta' Ġunju 2018 il-Kunsill għandu l-ammont ta' €56,767.52ċ.

88.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| DLG 5/2018 | Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsiehba Soċjali fuq Studju dwar l-Impatt fuq l-Istorbju Ambjentali – Istuzzjonijiet għall-Proposti |

| | | |
|---|---|---|
| | tal-Iżvilupp u l-Permessi Industrijali |
| DLG 6/2018 | Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu l-permess mill-Kunsill Lokali (L.S. 441.04) |
| DLG 7/2018 | Kjarifika għal Ċirkulari 19/2016 – Sħubija fil-*Local Action Group (LAGs)* |

## 88.5 Attivita' – Lejla Raħlija

86.5.1 Is-Sindku qal li bħal ma kien previst li jsir fl-aħħar laqgħa u l-Kunsill qabel, nhar is-Sibt li ġej 22 ta' Settembru 2018, se tġi organizzata l-attivita' bl-isem ta' Lejla Raħlija - Serata ta' Għana u Makjetti bil-għajnuna tal-Ministeru għall-Ambejnt, Żvilupp Sostenibli u Tibdil fil-Klima fejn il-Kunsill ibbenefika €2000. Din l-attivita' ser issir fi Triq l-Isqof David Cocco Palmeri fejn se ssir majjalata organizzata mill-Għaqda Sezzjoni tan-Nar Ta' Sannat u se jsir it-tberik tal-annimali.

## 88.6 Jum Dinji tat-tfal

88.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena l-Jum Dinji tat-tfal se jiġi ċċelebrat fl-20 ta' Novembru 2018 għalhekk hu qal li għandu jiġi ċċelebrat fil-lokalita' nhar il-Hadd 18 ta' Novembru fi Pjazza Santa Margerita fejn bħas-snin l-imgħoddija jsir logħob divertenti lit-tfal u jkunu mistiedna t-tfal ta' Għawdex kollu.

## 88.7 Mużika Fest

88.7.1 Is-Sindku qal li qed jaħdem biex fil-lokalita' ssir attivita' bl-isem ta' Mużika Fest. Hu qal li se jgħamel proposta lil Ministeru għal Għawdex biex jekk possibli bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2018 isir avveniment kulturali bis-sehem ta' mużika differenti u dik edukattiva. Hu qal li waħda mill-attivitajiet bl-isem Do Re Mi ser tkun tinvolvi lit-tfal tal-iskola primarja Ta' Sannat fejn membri mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita se jgħatu demostrazzjoni lit-tfal ta' kif jindaqqu wħud mill-instrumenti. Hemm imfassal li ssir Esebizzjoni bl-isem ta' Gozitan Village Bands and Traditional Instruments. Dejjem jekk jippermetti ser jiġu mistiedna Sbandieratori mill-lokalita' ta' Noto fi Sqallija, isir kunċert mill-banda tal-pulizija w ieħor mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita, kunċert mill-band The Crowns, kunċert bil-parteċipażżjoni ta' tfal żgħar u żgħażagħ li jafu jdoqqu instrumenti, Kunċert mill-Gozo Brass Quintet, Parata u Marċ bis-sehem tal-iscouts minn Malta, Stage band Concert u Kuncert minn Cash and the band. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta dan dejjem jekk jinġabu l-fondi meħtieġa għal dan l-avveniment hekk kbir u dinamiku fejn tidħol il-Mużika.

88.7.2 **Fis-2.32 p.m. il-Kunsillier Bajada ħareġ mill-laqgħa peress li kien imsejjaħ jidħol xogħol.**

## 88.8 Milied 2018

88.8.1 Is-Sindku qal li kull ma jmur qed jerġa joqrob żmien il-Milied u għalhekk bħas-snin l-imgħoddija għandha tiġi mżejna Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margerita bi dwal dekorattivi għal dawn iż-żminijiet ta' festi. Hu qal li wieħed għandu jaħseb minn ftit kmieni biex jara x' jista jsir biex jiġi armat b'dawl ftit differenti mis-soltu. Barra dan hu qal bħas-snin l-imgħoddija

l-Kunsill għandu jżur lill-anzjani tar-raħal tagħna.

## 88.9 Ilmenti u Suġġerimenti

88.9.1 Is-Sinjura Charmaine Portelli ta' Triq l-20 ta' Lulju qed titlob li ssir bozza fl-istess triq peress li hemm id-dlam. Il-Kunsill għandu jara x'inhi l-proċedura l-ġdida biex ikun jista jsir dan.

88.9.2 Is-Sur Lawrence Grima ta' Triq Bardan qed jitlob li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu peress li ma jistgħax jdaħħal l-karozza. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir mill-Kuntrattur tal-bankini.

88.9.3 Xi residenti qed jitolbu li jerġa jitwaħħal Dog Bin fi Triq Skerla. Il-Kunsill qabel li għandu jeħel wieħed f'din it-triq, ieħor fi Triq Saguna u ieħor fi Triq il-Kbira.

88.9.4 Residenti minn Triq Skerla qed jitolbu li tittwaħħal T shape għal garbage bags. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

88.9.5 Is-Sur Coertze qed jitlob li ssir xi ħaġa biex jkun jista jinġabar l-iskart mill-villel ta' fuq ir-riħ ta' Mġarr ix-Xini minn Ta' Ċenċ. Il-Kunsill qal li din iz-zona hija propjeta' privata u li dan għandu jiġi nfurmat b'dan.

88.9.6 Anna Van Breemen ta' Triq Skerla qed titlob li jerġu jinżebgħu is-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Barumbara tal-Bies għaliex ma għadhomx jidrhu wara li sar bini ġdid f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jgħamel dan.

88.9.7 Is-Sur Saviour Theuma Ta' Triq Ċenċ qed jitlob biex il-parking bay safra ta quddiem il-propjeta tiegħu titneħa u jsiru 1 meter double yellow lines mall-garaxx peress li mhux qed ikun jista jidħol u joroġ bil-vettura tiegħu. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta.

88.9.8 Il-Kumpanija Go p.l.c ser tgħaddi cable minn taħt it-triq fi Triq Sannat u cable ġdid minn fuq il-bankina fi Triq 28 ta' April 1688 fuq in-naħa tal-bini minn mall-arblu tad-dawl li jinsab f'din il-bankina. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni bil-patt li l-bankina terġa ssir kif inhi.

88.9.9 Is-Sindku qal li hemm bżonn li fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri jsiru interpretational panels dwar il-Monument ta' Vincenzo Caruana Spiteri, ta' kif ġiet żvilluppata din iz-zona. Il-Kunsill qabel ma dan.

88.9.10 Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li tiġi orġanizzata ħarġa għal Notte Bianca fil-Belt Valletta nhar is-Sibt 6 ta' Ottubru 2018. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 88.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2018

88.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 88.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

88.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2018, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 22 ta' Ottubru, 2018

| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
|---|---|
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |